**Parlament Ewropew**
2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2015/2074(BUD)**

13.5.2015

# EMENDI
# 1 - 56

**Abbozz ta' opinjoni**
**Deirdre Clune**
(PE554.832v01-00)

dwar il-baġit 2016 – mandat għat-trilogu
(2015/2074(BUD))

**Emenda 1**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, ***speċjalment*** fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; | 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, ***u b'mod partikolari fit-teħid ta' azzjoni effikaċi*** fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ***, li qed jiżdied għal livelli dejjem aktar allarmanti***; |

Or. it

**Emenda 2**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li ***l-baġit*** 2016 ***irid ikollu*** rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; | 1. Jenfasizza li ***huwa essenzjali għall-baġit*** 2016 ***li jkollu*** rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; |

Or. it

**Emenda 3**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni ***fit-tisħiħ tal-kontribut*** tal-Unjoni | 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni ***fil-kontribut*** tal-Unjoni għat- |

| | |
|---|---|
| għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; | tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; ***jenfasizza li l-UE ma tistax tikkumpensa għal nuqqas li dejjem qed jikber ta' riformi fil-livell tal-Istat Membru;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Jutta Steinruck, Emilian Pavel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; | 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, ***b'hekk jappoġġa l-kisba tal-prijoritajiet u l-miri tal-Ewropa 2020,*** speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ ***u l-faqar***; |

Or. en

**Emenda 5**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; | 1. Jenfasizza li l-baġit 2016 irid ikollu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi ***inklużivi u sostenibbli***, speċjalment fil-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ; |

Or. en

**Emenda 6**
**Renate Weber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza l-importanza tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Ewropa 2020 mill-Kummissjoni, sabiex ikun żgurat li jkunu jistgħu jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 għall-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jissottolinja li l-ħolqien tal-impjiegi huwa l-aħjar garanzija li jeqred il-faqar;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jemmen bis-sħiħ li l-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari dak taħt l-FSE, m'għandux jintuża biex jissussidja approċċi nazzjonali iżda biex jipprovdi appoġġ addizzjonali b'mod li jikkomplementa u jsaħħaħ il-programmi nazzjonali skont l-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda*
---|---
| ***1b. Itenni li l-kisba tal-valur miżjud Ewropew u l-iżgurar tal-ġestjoni finanzjarja tajba għandhom ikunu, illum aktar minn qatt qabel, il-prinċipji gwida tal-baġit tal-UE;***

Or. en

**Emenda 9**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda*
---|---
| ***1c. Jagħraf ir-restrizzjonijiet ekonomiċi u baġitarji persistenti fil-livell nazzjonali, kif ukoll il-ħtieġa ta' konsolidazzjoni fiskali li teħtieġ tiġi riflessa fil-livell Ewropew;***

Or. en

**Emenda 10**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda*
---|---
2. ***Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi*** li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza; | 2. ***Jitlob li l-fondi tal-UE jiġu diretti lejn programmi*** li ***se jgħinu lill-Istati Membri*** joħolqu impjiegi ***u tkabbir li minn naħa tagħhom jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-inklużjoni soċjali partikolarment*** għal dawk bi żvantaġġi multipli, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza;

Or. en

**Emenda 11**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li ***joħolqu impjiegi*** għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza; | 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li ***jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi*** għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza; |

Or. en

**Emenda 12**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni ***li jagħmlu parti minn minoranza***; | 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni ***vulnerabbli***; |

Or. fr

**Emenda 13**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza; | 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi ***kollha*** li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranza; |

Or. it

**Emenda 14**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Jutta Steinruck, Emilian Pavel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità ***u l-persuni*** li jagħmlu parti minn minoranza; | 2. Iħeġġeġ ukoll li jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi li joħolqu impjiegi għal dawk bi żvantaġġi multipli fis-suq tax-xogħol, bħalma huma l-persuni qiegħda għal żmien twil, il-persuni b'diżabilità***, il-persuni*** li jagħmlu parti minn minoranza ***u l-persuni inattivi u skoraġġiti***; |

Or. en

**Emenda 15**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jirrimarka li l-politiki dwar is-sigurtà soċjali u l-impjiegi huma soġġetti għall-prinċipju tas-sussidjarjetà;*** |

Or. fr

**Emenda 16**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ifakkar li t-tkabbir ***huwa kruċjali*** għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; | 3. Ifakkar li t-tkabbir ***jista' jikkontribwixxi biss*** għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità ***jekk ikun inkluživ u sostenibbli,*** u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir ***sostenibbli u l-inklużjoni soċjali***; |

Or. en

**Emenda 17**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; | 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti ***u produttiv*** lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; |

Or. it

**Emenda 18**
**Renate Weber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; | 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir ***sostenibbli***; |

Or. en

**Emenda 19**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Emilian Pavel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; | 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir ***u l-impjieg sostenibbli***; ***jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jistimulaw it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi; jitlob li jiġi żgurat finanzjament xieraq għax-xjenzi soċjali***; |

Or. en

**Emenda 20**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; | 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; ***jemmen li riformi*** |

***strutturali fuq livell ta' Stat Membru huma rekwiżit meħtieġ għat-tkabbir;***

Or. en

**Emenda 21**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir; | 3. Ifakkar li t-tkabbir huwa kruċjali għal żieda fl-impjiegi u fil-prosperità u li huwa neċessarju li l-fondi strutturali jiġu direzzjonati b'mod iktar effiċjenti lejn il-promozzjoni tat-tkabbir***, peress li huwa ċar li l-użu ħażin mill-finanzjament soċjali s'issa huwa wieħed mill-fatturi wara l-falliment tal-politika tal-impjiegi tal-UE***; |

Or. fr

**Emenda 22**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament ***suffiċjenti*** u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali***, bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)***; | 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament ***xieraq*** u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali; |

Or. en

**Emenda 23**
**Inês Cristina Zuber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja l-importanza ta' ***finanzjament suffiċjenti*** u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, ***bħall-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), ***il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF)***, l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); | 4. Jissottolinja l-importanza ***tal-bżonn li jiżdiedu l-allokazzjonijiet baġitarji fil-kategoriji kollha u*** ta' ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi ***għall-assistenza soċjali*** fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa ***b'mod partikolari*** li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, ***bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) ***u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)***; |

Or. pt

**Emenda 24**
**Renate Weber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti ***u*** ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall- | 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti**,** ġestjoni baġitarja tajba ***u aktar prefinanzjament fejn possibbli*** tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il- |

| | |
|---|---|
| Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); | faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); |

Or. en

**Emenda 25**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); | 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) ***– strument utli li sfortunatament sar meħtieġ minħabba l-qerda massiva tal-impjiegi riżultat tal-aderenza għamja għar-regoli restrittivi żżejjed tal-UE –*** , l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); |

Or. fr

**Emenda 26**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Jutta Steinruck, Emilian Pavel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, ***bħall-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); | 4. Jissottolinja l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti u ġestjoni baġitarja tajba tal-programmi fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw il-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, ***bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Inizjattiva*** favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI), il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), l-assi differenti tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD); |

Or. en

**Emenda 27**
**Inês Cristina Zuber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Isostni li l-finanzjament tal-UE m'għandux jintuża biex jiffinanzja programmi dwar l-impjiegi biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet operattivi permanenti jew jitħallas l-impjieg indipendenti fittizju;*** |

Or. pt

**Emenda 28**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jipprovdi appoġġ adegwat għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u għall-azzjonijiet bil-għan li jeqirdu l-faqar u jagħtu s-setgħa lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jemmen li l-ibbaġitjar realistiku huwa l-prinċipju ewlieni ta' ġestjoni finanzjarja tajba minħabba l-isfidi fiskali u ekonomiċi li qed tiffaċċja l-Unjoni; huwa tal-fehma, barra minn hekk li l-approprjazzjonijiet tal-2016 għandhom ikunu bbażati fuq analiżi attenta tal-eżitu tal-approprjazzjoni ta' pagament għall-2015 kif ukoll għall-2014, bil-għan li jsir tfaddil fuq linji baġitarji fejn ikunu qamu problemi fl-implimentazzjoni, iqis li jista' jsir tfaddil reali billi jiġi identifikat trikkib u ineffiċjenzi fil-linji baġitarji;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jinsisti li jiġu suġġeriti u implimentati miżuri adegwati sabiex tingħeleb l-akkumulazzjoni mingħajr preċedent ta' dikjarazzjonijiet mhux imħallsa mill-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jemmen li l-appoġġ għall-Istati Membri fil-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020 se jeħtieġ prijoritizzazzjoni ta' objettivi, bħall-promozzjoni tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali; jemmen li l-finanzjament għal dawn il-prijoritajiet m'għandux jiżdied għall-2016 sakemm ma jkunx akkumpanjat minn iffrankar f'partijiet oħra tal-baġit, li b'hekk jagħti lok għall-iffriżar fl-inflazzjoni kemm fl-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'dawk ta' pagament;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***Huwa tal-fehma li l-baġit*** tal-UE ***għandu jappoġġa*** miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali; | 5. ***Jenfasizza l-importanza ta' dixxiplina tal-baġit*** tal-UE; ***jemmen li għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jinkoraġġixxu*** |

| | |
|---|---|
| | ***lill-Istati Membri jappoġġaw*** miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali ***biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol***; |

Or. en

**Emenda 33**
**Georgi Pirinski, Siôn Simon, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Emilian Pavel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali; | 5. Huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali***, apprendistati u ħolqien dirett ta' impjiegi ta' kwalità***; |

Or. en

**Emenda 34**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE ***għandu*** jappoġġa miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali; | 5. Huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE ***jeħtieġ*** jappoġġa miżuri dwar it-taħriġ vokazzjonali u l-kwalifiki professjonali; |

Or. it

**Emenda 35**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jirrimarka li t-taħriġ vokazzjonali jista' jservi skop utli biss jekk is-suq tax-xogħol ikun dinamiku;*** |

Or. fr

**Emenda 36**
**Georgi Pirinski, Siôn Simon, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Emilian Pavel, Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jissottolinja l-fatt li l-baġit 2016 għandu jappoġġa miżuri li jippromwovu l-intraprenditorija fl-impriżi mikro, żgħar u medji, inklużi l-intraprenditorija soċjali u l-impriżi soċjali innovattivi u l-impjieg indipendenti; | 6. Jissottolinja l-fatt li l-baġit 2016 għandu jappoġġa miżuri li jippromwovu l-intraprenditorija fl-impriżi mikro, żgħar u medji, inklużi l-intraprenditorija soċjali u l-impriżi soċjali innovattivi u l-impjieg indipendenti***, u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa***; |

Or. en

**Emenda 37**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jissottolinja l-fatt li l-baġit 2016 għandu jappoġġa ***miżuri*** li jippromwovu l-intraprenditorija fl-impriżi mikro, żgħar u medji, inklużi l-intraprenditorija soċjali u l-impriżi soċjali innovattivi u l-impjieg indipendenti; | 6. Jissottolinja l-fatt li l-baġit 2016 għandu jappoġġa ***l-miżuri kollha*** li jippromwovu l-intraprenditorija fl-impriżi mikro, żgħar u medji, inklużi l-intraprenditorija soċjali u l-impriżi soċjali innovattivi u l-impjieg indipendenti; |

Or. it

**Emenda 38**
**Renate Weber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jipproponi li jniedi proġett pilota dwar it-tnaqqis fl-impjieg taż-żgħażagħ u t-twaqqif tal-kooperattivi bħala miżura li ssaħħaħ l-opportunitajiet ta' xogħol fl-UE, bl-għan li jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-qgħad fost iż-żgħażagħ billi jiġu stabbiliti l-aħjar prattiki fil-qasam għall-UE kollha;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *7. Jenfasizza li l-**baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jseħħu;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Inês Cristina Zuber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jseħħu; | 7. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema***, inklużi d-drittijiet tax-xogħol u tat-trejdjunjins,*** u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jseħħu; |

Or. pt

**Emenda 41**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jseħħu; | 7. Jenfasizza li l-baġit 2016 għandu jippromwovi livell għoli ta' protezzjoni tal-ħaddiema u kultura ta' prevenzjoni fl-UE kollha u għandu jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol li jkomplu jseħħu ***u, b'mod partikolari, il-problema li qed tikber ta' persuni li ma jistgħux, jew jirrifjutaw li jħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għas-sigurtà soċjali***; |

Or. fr

**Emenda 42**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro***, żgħar, u medji*** jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li | 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill- |

| | |
|---|---|
| waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż; | problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż; |

Or. en

**Emenda 43**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju ***jiġi estiż***; | 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju ***ma jitnaqqasx u jsostni li t-tisħiħ tal-appoġġ mill-BEI għall-SMEs għandu jiġi kkunsidrat ukoll bħala prijorità ewlenija***; |

Or. en

**Emenda 44**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ***ħafna ħaddiema*** fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż; | 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ***il-maġġoranza tal-ħaddiema*** fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż***, u l-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE jiġi*** |

| | |
|---|---|
| | ***sfruttat aktar bi trasparenza u responsabbiltà korrispondenti***; |

Or. en

**Emenda 45**
**Tamás Meszerics**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż; | 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż ***u l-appoġġ li jakkumpanja għall-mentoring jiġi żviluppat aktar u dejjem żgurat***; |

Or. en

**Emenda 46**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż; | 8. Jirrimarka li l-impriżi mikro, żgħar, u medji jimpjegaw ħafna ħaddiema fl-UE u li waħda mill-problemi ewlenin fl-istabbiliment u l-funzjonament ta' tali impriżi hi l-kisba tal-finanzjament; jipproponi, għalhekk, li l-element mikrofinanzjarju jiġi estiż ***b'mod sostanzjali***; |

Or. it

**Emenda 47**
**Georgi Pirinski, Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Agnes Jongerius, Sergio Gutiérrez Prieto, Emilian Pavel, Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jissottolinja li l-appoġġ għal inklużjoni soċjali, speċjalment ta' persuna b'diżabilità u l-komunitajiet marġinalizzati huwa politika Ewropea ewlenija li tirrikjedi appoġġ estensiv mill-baġit; jenfasizza li apparti mill-FSE, id-dimensjoni soċjali għandha tkun aktar viżibbli fir-rigward tal-istrumenti l-oħra tal-Politika ta' Koeżjoni.*** |

Or. en

**Emenda 48**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq*** uniku***, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti***; | 9. ***Jirrimarka li l-prinċipju stess ta' suq*** uniku ***qed jiġi ddubitat u jeħtieġ li jsir rieżami tiegħu***; |

Or. fr

**Emenda 49**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku***, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti***; | 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku ***u l-kompetittività***; |

Or. en

**Emenda 50**
**Aldo Patriciello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE ***għandu*** jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti; | 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE ***jeħtieġ*** jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti; |

Or. it

**Emenda 51**
**Inês Cristina Zuber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni ***tat-tlestija tas-suq uniku, tal-kompetittività u*** tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti; | 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi diċenti ***bi drittijiet***; |

Or. pt

**Emenda 52**
**Renate Weber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 9**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi ***diċenti***; | 9. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jappoġġa sforzi favur il-promozzjoni tat-tlestija tas-suq uniku, tal-kompetittività u tal-konverġenza soċjali, l-iżvilupp ta' politika dwar impriżi soċjalment responsabbli, u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' standards soċjali statutorji mill-impriżi biex jiġi żgurat il-ħolqien ta' impjiegi ***sostenibbli***; |

Or. en

**Emenda 53**
**Ulrike Trebesius**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. ***Jitlob li jsir sforz sostnut permezz tal-baġit li jipprevedi*** taħriġ adegwat u tħarriġ mill-ġdid f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u | 10. ***Iqis li l-infiq tal-UE huwa eċċessiv, ir-rekwiżiti nazzjonali huma eteroġenji ħafna, u li l-programmi li jistgħu*** |

| | |
|---|---|
| f'setturi ewlenin b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika u s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT; | ***jingħataw fuq livell sussidjarju għandhom jingħataw f'dak il-livell, bħal*** taħriġ adegwat u tħarriġ mill-ġdid f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u f'setturi ewlenin b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika u s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT; |

Or. en

**Emenda 54**
**Renate Weber**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jitlob li jsir sforz sostnut permezz tal-baġit li jipprevedi taħriġ adegwat u tħarriġ mill-ġdid f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u f'setturi ewlenin b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika ***u*** s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT; | 10. Jitlob li jsir sforz sostnut permezz tal-baġit li jipprevedi taħriġ adegwat u tħarriġ mill-ġdid f'setturi b'nuqqas ta' ħaddiema u f'setturi ewlenin b'potenzjal għoli ta' ħolqien ta' impjiegi, bħall-ekonomija ekoloġika***, l-ekonomiji ċirkolari,*** is-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-ICT; |

Or. en

**Emenda 55**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jenfasizza li l-promozzjoni ta' kultura tal-intraprenditorija u l-appoġġ għall-imprendituri għandhom ikunu element ewlieni tal-politika baġitarja tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Joëlle Mélin, Dominique Martin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jappella għal azzjoni biex tipprevjeni l-formazzjoni ta' diskrepanza soċjali bejn persuni b'impjiegi professjonali mħallsa tajjeb iċċentrati madwar teknoloġiji ġodda u dawk b'impjiegi fis-servizz f'pożizzjoni baxxa f'oqsma bħas-servizz domestiku;*** |

Or. fr